MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Avviz Numru. 189/2013

**Mary Borg**
**(ID 467353M)**

**vs**

**D.A. Holdings Limited (C 18064), David Agius u Steve Delicata**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-1 ta’ Lulju 2013 fejn l-attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsuha s-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti fil-fond propjeta u residenza taghha li tinstab gewa 106, St. Joseph High Road, Hamrun, b'konsegwenza ta' xoghlijiet ta' demolizzjoni, skavar u bini ezegwiti mill-intimati jew min minnhom fis-sit adjacenti ghal fond taghha, li llum huwa maghruf bhala Daniel's Shopping Complex, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 14 ta' Mejju 2013 u bl-imghax legali min-notifika tar-rikors sad-data tal-hlas effettiv.

Rat illi fil 5 ta' Ottubru 2013 l-intimati lkoll irrispondew ghal dak mitlub billi sahqu illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub huwa esagerat u jekk hemm xi ammont li jista jkun dovut, dana huwa ferm anqas minn dak mitlub.

Rat illi fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2013 il-Qorti appuntat lill-Perit Arkitett Edgar Rossignaud sabiex jaccedi fuq il-fond, jivverifka d-danni kkawzati fil-fond tar-rikorrenti, jivverifika r-raguni ghal tali danni u min ikkawzahom kif ukoll jikkwantifka d-danni u jipproponi x-xoghljiet rimedjali necessarji, u dana a spejjez provizzorjament tar-rikorrenti.

Rat illi fis-17 ta' Frar 2014 il-Perit Arkitett imqabbad mill-Qorti ippresenta u halef ir-relazzjoni tieghu.

Rat illi fid 19 ta' Mejju 2014 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet qed jittransigu l-pendenza ta' bejniethom abbazi tar-rapport ippresentat mill-Perit Arkitett.

Rat illi fis-seduta tas 6 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti Mary Borg infurmat il-Qorti bil-gurament illi t-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet kienet illi l-intimati kellhom ihallsu is-somma ta' erbat elef, hames mija u erbgha u tletin Euro u sittin centezmu (€4,534.60) flimkien ma' l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna, u in sostenn ta' dan hija ippresentat skrittura iffirmata mill-partijiet datata 14 ta' Lulju 2014.

Ir-rikorrenti Mary Borg kompliet tghid illi mill-pagamenti li kellhom isiru, l-intimati hallsuha biss elfejn Euro (€2,000) u ma kienux onoraw il-ftehim ghall-kumplament tas-somma minnhom accettata u dovuta.

Rat illi ghalhekk, fl-istess seduta tas-6 ta’ Novembru 2014, ir-rikorrenti pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 30).

Rat illi, fis-seduta ta' llum, il-konvenuti gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni abbazi ta' dak li xehdet ir-rikorrenti fis-seduta precendenti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lir-rikorrenti u l-avukat difensur taghha jghidu li d-debitu miftiehem bejn il-partijiet kien ghadu dovut parzjalment, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn hames mija u erbgha u tletin Euro u sittin centezmu (€2,534.60) rappresentanti l-bilanc tad-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' xoghlijlet maghmulha mill-intimati, liema danni gew accettati mill-istess intimati permezz ta' skrittura datata 14 ta' Lulju 2014 u formanti parti mill-proceduri odjerni.**

**Bl-imghax mid-data tal-presentata tal-proceduri odjern u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-perit Arkitett Edgar Rossignaud, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------